Il-Fondazzjoni Valletta 2018 & Inizjamed

# Poetry on Film

*Sejħa għal proposti*

*Linji gwida għall-applikazzjoni*

*Għal aktar tagħrif, ikteb lil*
*inizjamedprojects@gmail.com*

Din is-sejħa għal proposti hija indirizzata lil **diretturi u produtturi tal-films** b'**interess attiv** fil-**films qosra tal-poeżija** b'mod ġenerali, u fil-**poeżija Maltija moderna** b'mod partikulari.

Proposta ta' film tista' titressaq minn **individwu** jew minn **tim**. Jekk tkunu qegħdin tapplikaw bħala tim, il-proposta trid titressaq minn rappreżentant individwali, iżda l-applikazzjoni għandha tinkludi l-firem tal-membri kollha kkonfermati tat-tim sad-data tat-tressiq tal-proposta.

## Kuntest

*Poetry on Film* huwa proġett tal-Valletta 2018 bi sħab mal-Inizjamed, bil-għan li jitrawwem is-settur tal-films tal-poeżija f'Malta permezz ta' **taħriġ**, l-**ikkummissjonar** ta' films qosra tal-poeżija għall-wiri fil-**Festival Mediterranju tal-Letteratura ta' Malta**, u l-**esportazzjoni** tal-films ikkummissjonati. Il-proġett jinsab fil-qofol tal-istrateġija tal-Fondazzjoni Valletta 2018 u Inizjamed biex **il-poeżija ssir iktar aċċessibbli u iktar ħajja** permezz tal-kollaborazzjoni u l-ko-kreazzjoni fost dixxiplini artistiċi differenti u mezzi ta' komunikazzjoni varji.

L-ewwel film tal-poeżija ġie kkummissjonat għall-edizzjoni tal-2014 tal-Festival Mediterranju tal-Letteratura ta' Malta, abbażi ta' żewġ poeżiji ta' Doreen Micallef bħala rappreżentanta tal-poeżija Maltija tas-snin 60, filwaqt li t-tieni film tal-poeżija ġie kkummissjonat għall-edizzjoni tal-2015 tal-istess Festival, abbażi ta' poeżija ta' Mario Azzopardi bħala rappreżentant tal-poeżija Maltija tas-snin 70. Għat-tielet sena tal-proġett, sabiex jitħeġġu iktar interess u attività fis-settur, u bil-għan li tintrifed il-produzzjoni ta' films tal-poeżija ta' kwalità għolja f'Malta, il-Fondazzjoni Valletta 2018 u Inizjamed iddeċidew li jikkummissjonaw **żewġ** films tal-poeżija permezz ta' **proċess selettiv**.

Din is-sejħa għal proposti ssegwi l-organizzazzjoni tal-workshop *Poetry on Film*, immexxija minn Yasmin Fedda ta' **Highlight Arts**, nhar it-13 u l-14 ta' Frar 2016. Dawk li attendew il-workshop huma mħeġġa biex iressqu proposta ta' film qasir. Nilqgħu wkoll applikazzjonijiet mingħand diretturi u produtturi tal-films interessati iżda li ma attendewx il-workshop.

L-għan ta' dan il-proċess selettiv huwa li jintgħażlu proposta waħda ta' film qasir abbażi ta' poeżija waħda jew iktar ta' **Lillian Sciberras**, u proposta waħda ta' film qasir abbażi ta' poeżija waħda jew iktar ta' **Ray Mahoney**. L-għażla tal-poeżiji, tlieta għal kull awtur, tinstab fl-Appendiċi A. Dawn iż-żewġ awturi u l-għażla tal-poeżiji tagħhom ġew identifikati minn Dr Immanuel Mifsud, il-konsulent letterarju tal-proġett *Poetry on Film*, bħala rappreżentanti tal-poeżija Maltija tas-**snin 80**.

L-applikanti jistgħu jagħżlu li jressqu proposta waħda ta' film abbażi ta' poeżija waħda jew iktar ta' awtur wieħed, jew jistgħu jressqu żewġ proposti separati ta' films – waħda abbażi ta' poeżija waħda jew iktar ta' Lillian Sciberras, u oħra abbażi ta' poeżija waħda jew iktar ta' Ray Mahoney.

Wara **sessjoni ta' pitching** għall-proposti li jidħlu fil-**lista l-qasira**, li għandha ssir is-Sibt 9 t'April filgħodu, iż-żewġ proposti ta' films selezzjonati se jingħataw **baġit massimu ta' € 3,000** kull wieħed (VAT inkluża), sabiex jipproduċu l-film qasir tal-poeżija propost sa tmiem Lulju 2016. Iż-żewġ films ikkummissjonati se jintwerew fil-pubbliku għall-ewwel darba waqt il-11-il edizzjoni tal-Festival Mediterranju tal-Letteratura ta' Malta, fil-Forti Sant'Iermu, il-Belt, bejn il-25 u s-27 t'Awwissu 2016.

## Eliġibbiltà

Din is-sejħa għal proposti hija indirizzata lil ċittadini ta' Malta u/jew lil min għandu permess ta' residenza fil-Gżejjer Maltin. Jekk tkunu qegħdin tapplikaw bħala tim, ir-rappreżentant li jressaq il-proposta f'isem it-tim biss irid ikun ċittadin Malti jew resident f'Malta.

## Kriterji tekniċi

Il-film qasir propost għandu jkun ibbażat fuq poeżija waħda jew iktar mit-tliet poeżiji ta' **Lillian Sciberras**, jew fuq poeżija waħda jew iktar mit-tliet poeżiji ta' **Ray Mahoney**, kollha inklużi fl-Appendiċi A, fil-Malti oriġinali u fit-traduzzjoni bl-Ingliż.

Il-film qasir propost għandu jkollu **tul minimu ta' 4 minuti**, u **tul massimu ta' 15-il minuta**, inklużi l-*credits*.

**L-ilsien Malti** għandu jidher b'mod prominenti fil-film. L-Ingliż u/jew ilsna oħra jistgħu jkunu preżenti wkoll. Il-film propost irid jinkludi sottotitli bl-Ingliż, bil-għan li l-film ikun jista' jiġi esportat għal *screenings* u festival tal-films tal-poeżija barra minn Malta.

## Kriterji tal-evalwazzjoni

Il-proposti ta' films qosra ser ikunu ġġudikati fid-dawl ta' **tliet kriterji ta' gwida**, b'kull kriterju iġorr l-istess piż:

*(a) Approċċ lejn il-poeżija/i*

Il-film qasir propost għandu jixhed **fehim** sodisfaċenti tal-poeżija/i magħżula, u għandu jżomm u/jew ilewwen **l-ispirtu** tal-poeżija/i. Il-film jista' jistabbilixxi xi forma ta' djalogu letterarju jew viżiv mal-poeta, ma' xogħlijiet oħra tal-poeta, jew ma' figuri letterarji oħra tas-snin 80.

*(b) Oriġinalità*

Il-film qasir propost għandu joffri **interpretazzjoni awdjoviżiva kreattiva** tal-poeżija/i magħżula, bl-**istil** partikulari tiegħu, u b'attenzjoni għall-**istruttura** narrattiva u tematika.

*(c) Vjabbiltà*

Il-**baġit** tal-film qasir propost għandu jkun **realistiku**, u l-applikazzjoni għandha tipprovdi evidenza ta' **kapaċità soda ta' ġestjoni tal-proġetti**.

## Proposta ta' film tal-poeżija

L-applikazzjonijiet għandhom jinkludu **proposta ta' żewġ paġni** li tkun miktuba tajjeb, ċara, toffri approċċ u viżjoni kreattivi, u turi fehim attiv tal-poeżija/i magħżula.

Il-proposta għandha tinkludi:

(a) **Deskrizzjoni fil-qosor** tal-film, segwita minn deskrizzjoni ftit itwal tal-idea b'noti dwar ir-riċerka, l-aċċess, il-karattru/i, u l-istil viżiv.

(b) **Nota tad-direttur** – *għala tixtieq taħdem dan il-film?*

Materjal viżiv jew awdjoviżiv jista' jinhemeż mal-proposta.

## Baġit – struzzjonijiet u linji gwida

L-applikanti għandhom jipprovdu **tqassim iddettaljat tal-baġit** stmat għall-film qasir tal-poeżija li qed jiġi propost, sa massimu ta' **€ 3,000**, inkluża t-Taxxa fuq il-Valur Miżjud.

Is-somma ta' €3,000 għandha tinkludi kull taxxa jew ħlas amministrattiv ieħor, u għandha tinkludi **assigurazzjoni ta' responsabbiltà ċivili** (terzi persuni). Jekk l-applikant diġà huwa kopert mill-assigurazzjoni ta' responsabbiltà ċivili marbuta mal-attivitajiet tiegħu ta' kuljum ta' ħdim tal-films, għandu jipprovdi evidenza ta' din l-assigurazzjoni.

L-applikanti jistgħu jinkludu ħlas **għall-użu ta' ħinhom stess**, kif ukoll għal dak tal-membri tat-tim, bħala parti mill-ispejjeż eliġibbli.

Ladarba l-Fondazzjoni Valletta 2018 u Inizjamed ser ikunu responsabbli għall-**kummerċjalizzazzjoni** u l-**pubbliċità** tal-films tal-poeżija selezzjonati, m'hemmx bzonn li dawn jiġu inklużi fil-baġit, għajr għall-ħdim ta' trailer b'tul massimu ta' minuta li għandu jitressaq (jekk il-proposta tiġi selezzjonata) flimkien mal-film qasir tal-poeżija finali fi tmiem Lulju 2016.

Huwa permess it-tiftix ta' **finanzjament supplimentari**, fi flus jew *in natura*, iżda din l-għajnuna għandha tkun ikkonfermata, b'evidenza dokumentarja, fil-mument tat-tressiq tal-applikazzjoni. Il-finanzjament supplimentari **ma għandux jaqbeż il-50%** tal-baġit totali tal-film. Tali kollaborazzjoni ma għandhiex tkabbar l-iskala tal-proġett proposta sal-punt li t-tressiq tal-film finali jkollu jiġi pospost. Madankollu, l-**ebda riklam kummerċjali** u l-**ebda forma ta' tqegħid tal-prodott** ma huma permessi fil-film qasir tal-poeżija.

L-ispejjeż kollha eliġibbli għall-finanzjament taħt din is-sejħa għandhom ikunu neċessarji u raġonevoli għat-tlestija tal-proġett, u għandhom ikunu konsistenti mal-prinċipji ta' ġestjoni finanzjarja soda u ta' kontabbiltà korretta. Il-Fondazzjoni Valletta 2018 u Inizjamed jirriżervaw id-dritt li jinnegozjaw emendi fil-baġit bħala kundizzjoni tal-iffinanzjar.

## Proċess ta' selezzjoni – Skeda ta' żmien

| | |
|---|---|
| L-Erbgħa 6 t'April, nofsinhar | **Skadenza** għat-tressiq tal-applikazzjonijiet |
| Il-Ħamis 7 t'April, pm | **Stedina** tal-applikanti inklużi fil-lista l-qasira għas-sessjoni ta' *pitching* |
| Is-Sibt 9 t'April, am | **Sessjoni ta' *pitching*** mal-bord tal-evalwazzjoni.<br><br>L-applikanti li jressqu proposta f'isem tim jistgħu jkunu akkumpanjati minn membru kkonfermat wieħed tat-tim. |

| | |
|---|---|
| | L-applikant ikollu sa 7 minuti biex jagħmel il-*pitch* tal-proposta, u jista' juża materjal awdjoviżiv. Dan ikun segwit minn massimu ta' 7 minuti ta' mistoqsijiet min-naħa tal-bord tal-evalwazzjoni. |
| It-tielet ġimgħa t'April | Iffirmar tal-kuntratt ta' produzzjoni tal-film mal-Inizjamed. |

Il-bord tal-evalwazzjoni li jeżamina l-proposti tal-films tal-poeżija kif ukoll il-*pitches* se jkun magħmul minn:

- Rappreżentant tal-Fondazzjoni Valletta 2018
- Rappreżentant ta' Inizjamed
- Evalwatur estern

Is-sessjoni ta' pitching se jattendi għaliha wkoll osservatur wieħed f'isem l-Inizjamed.

Kull deċiżjoni tal-bord tal-evalwazzjoni hija finali. Il-bord tal-evalwazzjoni jirriżerva d-dritt li jagħżel proposta waħda flok tnejn ta' film tal-poeżija, jew l-ebda proposta, jekk ma jintlaħaqx il-livell ta' kwalità mistenni.

## Proċeduri tal-ħlas u tal-produzzjoni tal-film – Skeda ta' żmien

Il-ħlas tal-baġit mitlub (massimu ta' € 3,000) lill-proposti ta' film tal-poeżija selezzjonati se jsir lill-benefiċjarju fi tliet stadji, kif ġej:

| | |
|---|---|
| It-tielet ġimgħa t'April | **50%** tal-baġit mal-iffirmar tal-**kuntratt ta' produzzjoni ta' film** bejn l-applikant selezzjonat u Inizjamed. |
| Nofs Ġunju | **30%** tal-baġit mat-tressiq tad-dokumenti li ġejjin lil Inizjamed:<br><br>– l-**iscript** finali<br>– **rapport ta' progress** ta' 2 paġni<br>– evidenza ta' **casting** (fejn applikabbli) u ta' **produzzjoni** |
| End of July | **20%** tal-baġit mat-tressiq tad-dokumenti li ġejjin lil Inizjamed:<br><br>– il-**film tal-poeżija** finali, lesta għall-wiri pubbliku<br>– **trailer** (massimu ta' minuta)<br>– **il-kontijiet ċertifikati** (tqassim tal-ispejjeż, iffirmat minn accountant ċertifikat) |

## Penali ta' tħassir

Jekk il-benefiċjarju tal-għotja għall-film tal-poeżija, fi kwalunkwe mument matul il-perjodu ta' validità tal-kuntratt, jiddeċiedi li jtemm il-kuntratt tiegħu ma' Inizjamed qabel it-terminu sħiħ tal-kuntratt, jiġi impost penali ta' responsabbiltà għat-tħassir tal-kuntratt, li jammonta għal 10% tal-għotja u jkollu jitħallas mill-benefiċjarju b'żieda mal-ħlas lura ta' kull parti diġà riċevuta mill-għotja.

## Ineliġibbiltà

Proposti ta' films li jinkludu kwalunkwe kontenut minn dak li ġej jiġu skwalifikati awtomatikament:

- Komunikazzjonijiet korporattivi jew tqegħid tal-prodott
- Propaganda politika
- Promozzjoni ta' vjolenza, razziżmu, jew pornografija.

Il-kontenut tal-film tal-poeżija propost ma għandux jikser il-Kostituzzjoni ta' Malta.

Bl-istess mod, jekk il-film tal-poeżija prodott jinkludi xi kontenut li minħabba fih il-proposta oriġinali kienet titqies ineliġibbli, dan ikun jitqies bħala ksur tal-kuntratt iffirmat ma' Inizjamed, u jkun jimplika awtomatikament il-penali ta' tħassir kif deskritt aktar 'il fuq.

## Drittijiet ta' wiri u proprjetà intellettwali

Il-Fondazzjoni Valletta 2018 u Inizjamed iżommu d-drittijiet kollha lokali u internazzjonali ta' wiri fuq kull produzzjoni kkummissjonata fil-qafas tal-proġett *Poetry on Film* sal-31 ta' Diċembru 2018.

Il-proprjetà intellettwali tibqa' mad-direttur/produttur tal-film tal-poeżija. Id-direttur/produttur jista' juri l-film b'mod privat bħala parti mill-portfolio tiegħu lil investitur jew f'ċirkostanzi ta'potenzjali, iżda ma jistax juri l-film fil-pubbliku, jew iqiegħed il-film fuq l-internet għall-wiri pubbliku, sal-31 ta' Diċembru 2018, sakemm mhux bl-approvazzjoni bil-miktub ta' Inizjamed u l-Fondazzjoni Valletta 2018, għax dan ikun jipperikola l-aċċettazzjonital-film tal-poeżija minn festivals tal-films f'Malta u lil hinn.

Inizjamed u l-Fondazzjoni Valletta 2018 iżommu d-dritt li jissottomettu l-film tal-poeżija lil festivals lokali u barranin, kif ukoll lil avvenimenti oħra marbutin mat-titlu ta' Belt Kapitali Ewropea tal-Kultura. Madankollu, id-direttur/produttur jista' jitlob permess bil-miktub biex jissottometti l-film lil festivals lokali jew barranin ta' films tal-poeżija jew ta' films qosra, għall-wiri jew għall-kompetizzjoni, dejjem jekk din it-talba titressaq mill-inqas 3 ġimgħat qabel id-data tal-iskadenza. Jekk it-talba tiġi approvata, il-Fondazzjoni Valletta 2018 u Inizjamed ma jkunux responsabbli għal spejjeż relatati.

## Dokumenti għat-tressiq tal-applikazzjoni

L-applikanti għandhom jibagħtu d-dokumenti li ġejjin, bil-posta elettronika, lil inizjamedprojects@gmail.com sa mhux iktar tard mill-Erbgħa 6 t'April, f'nofsinhar:

(1) Il-formola tal-applikazzjoni, mimlija kif xieraq u ffirmata. Jekk tapplika f'isem tim, ehmeż il-firem tal-membri kollha kkonfermati tat-tim.

(2) Fotokopja jew sken tal-karta tal-identità Maltija jew tal-permess ta' residenza.

(3) Proposta ta' żewġ paġni, kif deskritt fit-taqsima relevanti iktar 'il fuq.

(4) Baġit iddettaljat, li jinkludi t-Taxxa fuq il-Valur Miżjud, u kull taxxa oħra u/jew ħlas amministrattiv ieħor, kif ukoll assigurazzjoni obbligatorja ta' responsabbiltà ċivili (terzi persuni).

(5) Filmografija tal-applikant, b'massimu ta' paġna waħda. Jekk tapplika f'isem tim, inkludi filmografija ta' paġna ta' kull membru kkonfermat tat-tim.

L-applikanti jintalbu jżommu s-Sibt 9 t'April filgħodu disponibbli f'każ li l-proposta tagħhom tidħol fil-lista l-qasira, u jiġu mistednin għas-sessjoni ta' *pitching* ippjanata għal dakinhar.